KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA
Città Umilissima

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 12

Is-Sibt 4, ta' Jannar, 2014, fil-8.00 a.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Dr Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Raymond Attard u Vincent Fabri.

Il-Kunsillieri Vincent Farrugia Lauri u Raymond Azzopardi kien skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 11 li saret nhar It-Tnejn 16, ta' Diċembru, 2013, fis-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 Il-Kunsillier Raymond Attard xtaq jagħmel amenda għall-minuti fejn f' punt 3.7 ta' l-aħħar laqgħa għamel referenza għal uffiċċju tas-segretarju parlamentari Herrera. Hu ried jgħid fil-Ministeru tas-segretarju parlamentari Herrera.

1.2 Il-Kunsill Raymond Attard nforma li xtaq li fil-laqgħa li jmis irid jitkellem ma Joseph Griffiths. Għalhekk għandu jissejjaħ għall-laqgħa li jmis.

1.3 Dr Norman Shaw tkellem dwar it-tindif u min hu r-reference point tal-Kunsill. Is-Segretarja nfurmat li dan huwa xogħol il-works coordinator Joseph Griffiths. Tqajmet diskussjoni dwar il-gbir ta' l-iskart speċjalment dwar il-gbir ta' l-iskart li qed isir min kuntratturi privat. Dr Shaw qabel li għandha ssir Sistema waħda fejn l-istess kuntrattur jieħu ħsieb is-servizzi li hemm bzonn fil-Belt.

1.4 Is-Sindku Dr Alexiei Dingli nforma li għandha ssir bye-law fejn tirregola lill-kuntratturi tal-privat li jidħlu fiċ-ċentru pedonali. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi diskussa mal-Valletta Business Community. Punti li tqajmu huma dwar il-ħin tal-gbir li għandu jinbidel għal fil għodu, kif ukoll li għandhom jintuzaw boroz b'kulur partikolari għal bars u restaurants.

1.5 Is-Sindku nforma li Sandra Smart Costantino għandha tibda taħdem il-kunsill fi żmien qasir. Li għad baqgħa xi firem mill-OPM.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-performance bonus ta' Impjegati.

i. Gabriella Agius - Segretarja Ezekuttiva 10%
ii. Matthew Carbonaro - Town Centre Manager 6%
iii. Elaine Caruana – EU and International Affairs 6%
iv. Tony Galea – Clerk 6%
v. Emy Micallef – Clerk 6%
vi. Joseph Griffiths – Works Coordinator 6%

Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Segretarja resqet quddiem il-Kunsill talba biex il-Vacation Leave ta' l-impjegati kollha jiggedded għas-Sena 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.3 Is-Sindku nforma li reġgħet waslet l-istendina min Brussels biex is-Sindku jippartecipa fil-konferenza CITIES forum, capital city mayors. Is-Sindku nforma li għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku w Town Centre Manager.

2.4 Is-Sindku nforma li ser jibdew il-preparamenti għal Jum il-Belt. Din is-sena ser issir gimgħa qabel peress li ser tkun l-aħħar żjara tal-President. Ser issir ukoll t-tnedija tal-Ktieb ta' Gerardo Sasso. Dr Norman Shaw xtaq ukoll li ninfurmaw Gran Mastru ta' l-Ordni.

**3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 L-Ambaxxatur Jurgen Briffa ħareg bi proposta biex din is-sena jekk għad hemm iċ-ċans isir karru u jibqa vojt biex imbgħad isir proġett fejn it-tfal tal-Belt jistgħu jiddekorawh huma.

3.2 Il-Kunsill tkellem dwar il-mużika li tintuza mill-karrijiet li hija qawwija ħafna u għandha tiġi rregolata.

3.3 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li l –enemalta mhux qedgħa taqdi lil kunsill tajjeb fejn jidħol it-tiswija tal-bozoz. Bozza partikolari ġiet irrapurtata 4 darbiet.

3.4 Is-Sindku Dr Alexiei Dingli spjega dwar il-kas tad-devolution tad-dawl tal-Belt. Nforma ukoll li l-ħsieb hu li r-regjun jieħu daħt idejh id-dawl.

3.5 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li peress li kien assenti fl-aħħar laqgħa xtaq li hu ukoll jitnizzel bħala favur il-mozzjoni ta' Dr Norman Shaw.

3.6 Dr Norman Shaw nforma li l-ispralli ta' Triq San Pawl kantuniera ma Triq Melita huma mizdudin u għahekk il-kuntrattur li ħadem hem għandu jnaddafhom mit-tarmac.

3.7 Il-kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss għandu jattendi Ernest Tonna l-enforcement officer biex jagħti spjegazzjoni dwar statistiċi ta' ċitazzjonijiet, kif ukoll dwar l-operat tal-gwardjani lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu stand dwar is-servizz ħazin li qed tagħti il-kumpanija tal-gwardjani lokali.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Is-Sindku nforma li rċieva korrispondenza min għand l-organizzaturi tal-Karnival.Dan biex isir uzu mill-arblu li għandu l-kunsill fil-parking tac-Central Bank. Il-Kunsill qabel li talbiet bħal dawn ma jistawx jintlaqgħu. għalhekk sar qbil li tista ssir tappiera oħra fl-istess parking biex l-għaqdiet tal-Belt ikunu jistgħu jużawh.

4.2 Is-Sindku nforma li għandha ssir laqgħa mal-kumitat tal-karnival biex ikomplu diskussjonijiet dwar il-World Carnival Cities 2018. Is-segretarja ezekuttiva u town centre manager għandhom jiltaqgħu ma' rappreżentant biex ikomplu jiddiskutu biex jieħdu sehem f'konferenza ġewwa Cipru fejn jiprezentaw proposta biex fl 2018 il-konferenza World Carnival Cities issir Malta.

4.3 Is-Sindku nforma li rċieva talba biex issir bozza ġdida ma block 1 binja Binja tal-Gvern No3. Il-kunsill qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fl-10.30am intemmet is-Seduta w giet aggornata għas-Sibt 15 ta' Frar 2014 fit - 8.00am.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku